



Brussell, 11 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13901/23

LIMITE

**SCH-EVAL 217
COSI 173
CRIMORG 129
ENFOPOL 422
JAI 1298
FRONT 311
ASIM 91
MIGR 328
CATS 56
COPEN 356
RELEX 1172
COMIX 447**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Stat ġenerali taż-żona Schengen - Il-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera, speċjalment il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti

Il-kriminalità organizzata transfruntiera tibqa' theddida ewlenija għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen. F'Ġunju 2023, il-Kunsill ta' Schengen identifika l-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera, serja u organizzata bħala qasam li jeħtieġ impetu addizzjonali għall-2023-2024.

Ir-reati kriminali li jinvolvu l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin jew l-isfruttament ta' persuni (inkluż it-tfal), bħall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, forom differenti ta' traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali tat-tfal għadhom f'livelli kritiċi għoljin ta' theddid, filwaqt li qed ikollhom impatt dejjem aktar qawwi fuq persuni vulnerabbli. Dawn l-attivitajiet kriminali joħolqu wkoll sfidi sinifikanti fil-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tagħna u jistgħu jfjixklu l-funzjonament ta' Schengen.

Is-suq għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti lejn u fi ħdan l-UE huwa xprunat mill-kriżijiet ġodda differenti li qed jitfaċċaw u billi jiggravaw dawk eżistenti, b'mod partikolari r-reċessjonijiet ekonomiċi, l-emerġenzi ambjentali kkawżati mit-tibdil fil-klima, u l-kunflitti li għaddejjin, flimkien ma' pressjonijiet demografiċi f'ħafna pajjiżi ta' origini¹. L-iżviluppi drammatiċi fil-viċinat Ewropew matul dawn l-aħħar xhur jikkonfermaw biss dawn ix-xejriet².

Ir-rispons attwali tagħna għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti huwa adattat għal din ir-realtà li qed tevolve u jippermetti li dawn ir-riskji jiġu indirizzati b'mod koordinat? Il-Kunsill ta' Schengen fid-19 ta' Ottubru 2023 ser jiddibatti din il-kwistjoni, b'segwitu għad-diskussjoni fil-Kunsill ta' Schengen ta' Diċembru 2022³. Dan ser jiddeċiedi dwar għadd ta' azzjonijiet konkreti, kif ukoll soluzzjonijiet sostenibbli biex jiżgura rispons koordinat tal-UE għall-ħtiġijiet identifikati. Ir-risultati ta' din id-diskussjoni ser ikunu ta' rilevanza f'waqtha, fil-kuntest tat-tħabbiriet li saru mill-President tal-Kummissjoni Ewropea fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni u fil-Pjan ta' 10 Punti mħabbar f'Lampedusa f'Settembru 2023. Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti kienet parti mid-diskussjonijiet tal-Ministri dwar id-dimensjoni esterna tal-ażil u l-migrazzjoni fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tat-28 ta' Settembru 2023, fejn il-Kummissjoni kkonfermat l-intenzjoni tagħha li torganizza Konferenza Internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti lejn l-aħħar ta' Novembru 2023. Fuq nota importanti, id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni ukoll ser tiġi diskussa dalwaqt mill-mexxejja, fil-Kunsill Ewropew tas-26 u s-27 ta' Ottubru 2023.

Fid-dawl tal-Barometru ta' Schengen + ta' Ottubru 2023, il-Ministri huma mistiedna jiddiskutu u jaqblu dwar azzjonijiet ewlenin li jiffurmaw rispons komprensiv u integrat għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, abbażi tal-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati f'dan id-dokument (Anness).

¹ Europol (2023): Europol spotlight report: Criminal Networks in Migrant Smuggling (Rapport ta' Stħarriġ tal-Europol: Networks Kriminali fil-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti); pubbliku, aċċessibbli fuq [Spotlight report: migrant smuggling networks and their methods | Europol \(europa.eu\)](#).

²L-UE rreġistrat 232 350 qasma irregolari tal-fruntieri għall-perjodu Jannar-Awwissu 2023 – żieda ta' 18% meta mqabbel mal-2022, li jagħmilha l-ogħla total mill-2016 (Frontex).

Fl-2023, ir-rotta migratorja tal-Mediterran Ċentrali tammonta għal nofs id-detezzjonijiet fil-fruntieri tal-UE, li jagħmilha l-aktar rotta migratorja dinamika, u l-għadd ta' qsim irregolari tal-fruntieri fuq din ir-rotta kważi rdoppja (+96%) bejn Jannar u Awwissu. S'issa fl-2023, 70% tal-wasliet fl-Italja ġew mit-Tuneżija u 70% saru f'Lampedusa. Minkejja l-konklużjoni reċenti ta' ftehim bejn l-UE u t-Tuneżija biex tiġi indirizzata l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, din żdiedet sew mit-Tuneżija dan is-sajf. Barra minn hekk, il-maltemp li laqat il-Grigal tal-Libja f'Settembru 2023 u l-konsegwenzi katastrofiċi tiegħu mistennija jkollhom impatt fuq id-domanda għal servizzi ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin.

Id-data attwali tindika li l-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti fil-biċċa l-kbira għadhom ma jistgħux jinqabdu mill-infurzar tal-liġi tal-UE u li tali networks kriminali għadhom attivi fiż-żona Schengen u jiffaċilitaw il-movimenti sekondarji (Europol).

³ 15086/22.

ERBA' AZZJONIJIET EWLENIN GĦAL RISPONS KOMPRESIV GĦALL-FAĊILITAZZJONI TA' DĦUL KLANDESTIN TA' MIGRANTI

I. It-tisħiħ ta' għarfien komuni tas-sitwazzjoni

1. **L-Istati Membri** għandhom jaqsmu b'mod proattiv informazzjoni, inkluż informazzjoni miksuba f'pajjiżi terzi⁴, maċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti (EMSC) tal-Europol, fil-kuntest tal-Proġett ta' Analiżi operazzjonali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, fil-bidu ta' kwalunkwe investigazzjoni biex ikunu possibbli l-kontroverifiki.
➔ **Il-Europol** tipprovdi, fil-Kunsill ta' Schengen li jmiss f'Diċembru 2023, analiżi inizjali tal-evoluzzjoni tal-informazzjoni kondiviża mill-Istati Membri u l-Frontex.
2. **Il-Frontex, il-Europol, il-Eurojust u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)** jiżviluppaw stampa u analiżi konġunta tas-sitwazzjoni dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. **L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)** u l-Aġenziji tal-ĠAI jintensifikaw il-kooperazzjoni strateġika, l-iskambju ta' informazzjoni u l-analiżi bejn l-aġenziji.
➔ **Il-Frontex, il-Europol, il-Eurojust u l-EUAA** jħejju l-istampa tas-sitwazzjoni u l-analiżi konġunti dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, b'mod partikolari abbażi ta' informazzjoni miksuba mill-Istati Membri u korpi/networks rilevanti oħra tal-UE bħall-missjonijiet tal-PSDK, fil-ħin biex dawn jitqiesu fil-Barometru ta' Schengen ta' Marzu 2024, u b'mod regolari minn hemm 'il quddiem.
3. **L-Istati Membri** jikkontribwixxu b'mod attiv fis-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI u jwettqu verifiki sistematiċi mal-bażijiet ta' data rilevanti⁵, f'pajjiżi terzi, fil-fruntieri esterni u fiż-żona Schengen. **Il-Europol** tipprovdi lill-Istati Membri data rilevanti għall-investigazzjonijiet fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. **L-Istati Membri** jaqsmu b'mod proattiv id-data personali mal-Europol permezz ta' SIENA.
➔ **Il-Europol, il-Frontex u l-eu-LISA** jipprovdu lill-Kunsill ta' Schengen, permezz tal-Barometru ta' Schengen +, aġġornament annwali dwar l-użu mill-Istati Membri ta' dawn il-bażijiet ta' data, billi jibdeu mill-Kunsill ta' Schengen ta' Diċembru 2023.

⁴ B'mod partikolari, informazzjoni miksuba minn uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni stazzjonati f'pajjiżi terzi, proġetti ta' sħubija operazzjonali komuni, u missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK).

⁵ Inkluż SIS, SIENA/EIS, FIELDS, FADO u l-SLTF tal-Interpol.

4. **L-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet tal-UE (EU IRU) tal-Europol u l-EMSC** jaħdmu b'mod proattiv mal-**Istati Membri** biex jimmappjaw l-impronta diġitali tanetworks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.
 - ➔ **Il-Europol – l-EMSC u l-EU IRU** - jirrapportaw regolarment dwar l-appoġġ lill-Istati permezz tal-Barometru ta' Schengen +, billi jibdew minn Diċembru 2023.

5. **Il-Kummissjoni, is-SEAE, l-Aġenziji tal-ĠAI u l-Istati Membri** jiġbru intelligence dwar ir-rwol tal-atturi esterni fl-iffaċilitar tal-migrazzjoni irregolari għall-fini ta' destabbilizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istati Membri.
 - ➔ **L-Aġenziji tal-ĠAI u l-Istati Membri** jaqsmu informazzjoni fil-fora rilevanti, inkluż għar-rapporti ISAA u dawk tal-Blueprint.
 - ➔ **In-Network tal-UE għat-Tħejjija għall-Migrazzjoni u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni (Network tal-Blueprint)** jimmonitorja s-sitwazzjoni fir-reġjuni ta' riskju u jintegra, f'waqthom, data aggregata u informazzjoni dwar attivitajiet, modi operandi u rotot ta' networks kriminali maqsuma mill-Aġenziji tal-ĠAI u l-Istati Membri fl-ISAA. Is-SEAE jipprovdi għarfien tas-sitwazzjoni abbażi tar-rappurtar tal-INTCEN. Is-SEAE (**permezz tad-delegazzjonijiet tal-UE**) jirrapporta perjodikament dwar il-livell ta' kooperazzjoni minn pajjiżi terzi ewlenin kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin.

II. It-tisħiħ tal-qafas legali tal-UE dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti

1. Nistennew b'interess il-proposta tal-**Kummissjoni** għal leġiżlazzjoni biex issaħħaħ il-qafas legali tal-UE dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, inkluż elementi relatati ma': sanzjonijiet, governanza, flussi ta' informazzjoni, u r-rwol tal-Aġenziji tal-ĠAI.
 - ➔ **Il-Kummissjoni** tipprovdi, flimkien mal-proposti leġiżlattivi l-ġodda, hařsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-oqfsa operazzjonali u legali, inkluż il-pjan ta' azzjoni mġedded tal-UE kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti (2021-2025), il-qafas legali tal-UE u l-leġiżlazzjoni attwali fl-Istati Membri dwar l-indirizzar tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

III. It-tisħiħ u l-integrazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali Ewropea

1. **L-Istati Membri** jżidu l-investigazzjonijiet konġunti ta' miri identifikati ta' valur għoli u networks kriminali ta' riskju għoli bl-appoġġ tal-**Eurojust** u l-**Europol** permezz ta' Task Forces Operazzjonali u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT). L-Istati Membri jistabbilixxu/jimplimentaw rondi konġunti mmirati u operazzjonijiet konġunti oħra, inkluż online, abbażi ta' analiżi minn qabel⁶. L-**Aġenziji tal-ĠAI** jimmassimizzaw l-involviment tagħhom fl-EMPACT u, fil-mandati rispettivi tagħhom, jistabbilixxu azzjonijiet konġunti. L-Istati Membri u l-**Aġenziji tal-ĠAI** permezz tal-EMPACT irawmu sinerġiji bejn l-azzjonijiet operazzjonali fi ħdan il-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali rilevanti li jkollhom impatt fuq il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, bħal dawk li jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin, il-ħasil tal-flus u l-frodi tad-dokumenti.
 - ➔ L-**Aġenziji tal-ĠAI**, b'mod partikolari l-**Europol**, jirrapportaw regolarment, permezz tal-Barometru ta' Schengen +, dwar l-involviment attiv tal-Istati Membri fil-kooperazzjoni operazzjonali permezz tal-EMPACT, billi jibdew minn Diċembru 2023.
 - ➔ Il-**Kunsill u l-Parlament Ewropew (bħala awtoritajiet baġitarji), il-Kummissjoni, u l-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol** jiżguraw finanzjament suffiċjenti biex jappoġġaw l-azzjonijiet operazzjonali u d-diġitalizzazzjoni tal-pjattaforma permezz tal-baġit operazzjonali tagħha fl-2024-2025 u lil hinn.
2. **L-Istati Membri** jagħmlu l-aħjar użu mill-appoġġ tal-Eurojust f'każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, bl-użu tal-ispettru sħiħ ta' għodod ġudizzjarji disponibbli, inkluż skwadri ta' investigazzjoni konġunta u għodod operazzjonali. L-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali jkunu parti mit-Task Force Konġunta ta' Kollegament dwar il-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti u t-Traffikar tal-Bnedmin.
 - ➔ Il-**Eurojust** tirrapporta regolarment dwar l-appoġġ lill-Istati Membri b'rabta mal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti permezz tal-Barometru ta' Schengen +, billi tibda minn Diċembru 2023.

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/915 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar il-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi.

3. **L-Istati Membri**, b'mod awtomatiku, iwettqu investigazzjonijiet finanzjarji u proċeduri ta' rkupru tal-assi f'investigazzjonijiet dwar il-kriminalità organizzata bl-appoġġ ta' **Ċentru għall-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika tal-Europol u l-Eurojust**.
- ➔ **Il-Europol (iċ-Ċentru għall-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika) u l-Eurojust** jipproduċu rapport konġunt dwar din il-kwistjoni sa Ġunju 2024, ibbażat, fost l-oħrajn, fuq informazzjoni miksuba mill-Istati Membri u korpi/networks rilevanti oħra tal-UE.
4. **L-Istati Membri** jkopru b'mod effettiv il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, meta jallinjaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri (IBM) mal-istrateġija pluriennali tal-UE għall-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri (EIBM).
- ➔ **L-Istati Membri** jallinjaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom tal-IBM, li għandhom ikopru l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, fil-perjodu ta' żmien stabbilit fil-politika strateġika pluriennali għall-EIBM.
5. Sistemi **nazzjonali** integrati ta' sorveljanza fil-fruntieri jiġu alimentati sistematikament minn analiżijiet tar-riskju u valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà, b'mod partikolari dawk imħejjija f'intervalli regolari mill-Frontex.
- ➔ **Il-Kunsill ta' Schengen** jiġi infurmat regolarment dwar il-livelli tal-impatt allokat li sezzjonijiet tal-fruntieri esterni sabiex l-attivitajiet ta' sorveljanza jiġu ffukati aħjar.
6. **L-Istati Membri** jtejbu l-kwalità tal-verifiki fil-fruntieri u jagħmlu użu mill-appoġġ operazzjonali tal-Frontex kif rilevanti, b'mod partikolari f'punti tad-dħul vulnerabbli u ta' riskju għoli, inkluż il-possibbiltà li jirċievu finanzjament tal-UE.
- ➔ **Il-Kummissjoni** tippovdi, permezz tal-Barometru ta' Schengen + ta' Diċembru 2023, l-ewwel ħarsa ġenerali orizzontali u trażversali tan-nuqqasijiet ewlenin li għandhom impatt negattiv fuq is-sigurtà tal-fruntieri tal-UE, abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen u l-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tal-**Frontex**.

7. **Il-Grupp ta' Livell Għoli (HLG) dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi** jipprovdi soluzzjonijiet li ser jagħtu lill-prattikanti aċċess adegwat għad-data.

➔ **Il-Kummissjoni** toħroġ rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jippreżenta s-sejbiet ewlenin tal-Grupp ta' Livell Għoli u tipproponi azzjonijiet għal segwitu sa tmiem l-2024.

IV. Massimizzazzjoni tas-sinerġiji mal-azzjoni esterna tal-UE

1. Jiġu żviluppatti, f'approċċ ta' Tim Ewropa, **Sħubijiet Operazzjonali Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin (ASOPs)** ma' pajjiżi jew reġjuni terzi, u tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tagħhom, sabiex jappoġġaw attivitajiet bħat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-pajjiżi sħab, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, l-offerta ta' appoġġ operazzjonali għall-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar il-frodi tad-dokumenti.

➔ **L-Istati Membri u l-Kummissjoni** jidentifikaw sħab potenzjali ġodda għall-ASOPs. **L-Istati Membri** jagħtu segwitu b'passi konkreti biex jiżguraw l-implimentazzjoni effiċjenti tal-ASOPs immedija.

2. Jiġu identifikati għażliet konkreti għat-tisħiħ tal-iskambju ta' informazzjoni relatata mal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti ma' pajjiżi terzi, inkluż għal appoġġ ad hoc għal investigazzjonijiet li għaddejjin, inkluż permezz ta' konnessjonijiet SIENA ġodda għall-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni tal-Istati Membri u proġetti ffinanzjati mill-UE mmirati kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti f'pajjiżi terzi, u permezz ta' sħubijiet eżistenti fi ħdan iċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni tal-Infomazzjoni fl-EMSC (Europol, Frontex, Interpol, EUNAVFOR Op. Irini). B'hekk, jiġu żviluppatti għarfien tas-sitwazzjoni u sistemi ta' twissija bikrija.

➔ **L-Istati Membri u l-Kummissjoni** jaqblu dwar pjan direzzjonali biex jiġu esplorati possibbiltajiet fil-livell tekniku.

➔ **Il-Kummissjoni** żżid in-negozjati dwar ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Europol/Eurojust u pajjiżi sħab biex tiffaċilita l-iskambju ta' data għal finijiet operazzjonali.

➔ **Il-Frontex** tagħmel użu sħiħ mill-mandat tagħha biex topera f'pajjiżi terzi billi taħdem lejn il-ħolqien ta' kundizzjonijiet vantaġġużi għal preżenza operazzjonali speċifika għar-reġjun u strutturi ta' kondiviżjoni tal-intelligence.

Il-Kunsill ta' Schengen, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-UE, huwa responsabbli għas-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' hawn fuq u għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-isfidi li fadal.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Kunsill ta' Schengen rapporti regolari dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' hawn fuq. Dan ir-rappurtar għandu jkun ibbażat, fost l-oħrajn, fuq l-informazzjoni u l-analiżi li għandhom jiġu pprovduti mill-aġenziji tal-UE u mill-Istati Membri. Ir-rappurtar għandu jitwassal b'mod partikolari permezz tar-rapport annwali dwar l-Istat ta' Schengen⁷.

⁷L-ewwel rapport dwar l-Istat ta' Schengen li jinkludi dan ir-rappurtar għandu jkun dak li għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni sa April 2024 għall-Kunsill ta' Schengen ta' Ġunju 2024.

Il-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera, speċjalment il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti

SFIDI U ĦTIĠIJET

1. It-tisħiħ ta' għarfien komuni tas-sitwazzjoni

In-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti wrew li huma aġli, billi jadattaw malajr għad-dinamika tal-migrazzjoni irregolari u għal kif jevolvu l-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi⁸. In-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ivarjaw fid-daqs u joperaw taħt mudell ta' negozju li fih il-kriminali jikkooperaw fuq bażi ad hoc jew, meta jkun meħtieġ, fuq bażi aktar permanenti. Irrotot ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u l-modi operandi użati jiġu aġġustati meta l-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi jintensifikaw, jew jinbidlu l-politiki dwar il-viża u l-ażil⁹.

Bħala rispons għall-adattabbiltà tan-networks kriminali, huwa kruċjali li jiġi żviluppat b'mod konġunt għarfien komuni tas-sitwazzjoni f'waqtu.

2. It-tisħiħ tal-qafas legali tal-UE dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti

Matul dawn l-aħħar ftit snin, il-Kunsill Ewropew ta' attenzjoni partikolari lis-sigurtà interna taż-żona Schengen u fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 u l-25 ta' Ġunju 2021, afferma mill-ġdid l-importanza tal-ġlieda kontra l-persuni li jiffaċilitaw id-dħul klandestin ta' persuni, qajjem tħassib serju dwar l-iżviluppi f'xi rotot migratorji li jeħtieġu azzjoni urġenti u appella għal approċċ ta' rotta sħiħa għall-indirizzar tagħhom, inkluż l-eradikazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin¹⁰. Wara dan l-appell, l-UE ġeddet il-pjan ta' azzjoni tagħha kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti (2021-2025) li kkontribwixxa kemm għat-tfixkil tan-negozju ta' dawk li jiffaċilitaw id-dħul klandestin kif ukoll għall-ġlieda kontra n-networks ta'

⁸ Europol (2023): Europol Spotlight report: Criminal Networks in Migrant Smuggling (Rapport ta' Stħarriġ tal-Europol: Networks kriminali fil-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti); Pubbliku, aċċessibbli fuq [Spotlight report: migrant smuggling networks and their methods | Europol \(europa.eu\)](#).

⁹ Europol (2023): Europol Spotlight report: Criminal Networks in Migrant Smuggling (Rapport ta' Stħarriġ tal-Europol: Networks kriminali fil-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti); pubbliku, aċċessibbli fuq [Spotlight report: migrant smuggling networks and their methods | Europol \(europa.eu\)](#).

¹⁰ Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Ġunju 2021 – Konklużjonijiet, Dokument tal-Kunsill EUCO 7/21 tal-25 ta' Ġunju 2021.

faċilitazzjoni ta' dħul klandestin. Aktar reċentement, il-President von der Leyen, fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, ħabbret l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taġġorna b'mod urġenti l-qafas legali tal-UE dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

Għandha ssir valutazzjoni tal-qafas legali attwali tal-UE dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, li tmur lura għall-2002. Fil-fatt, minkejja l-Pakkett dwar il-Faċilitaturi¹¹, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti tibqa' negozju profittabbli ħafna b'riskju baxx li tinqabad u li l-kriminali jiġu kkastigati¹².

3. It-tisħiħ u l-integrazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali Ewropea

Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti hija forma kumplessa ta' kriminalità li għandha ramifikazzjonijiet f'oqsma oħra ta' kriminalità u tiżviluppa b'mod multidimensjonali.

L-indirizzar effettiv tagħha jeħtieġ rispons komprensiv, l-ewwel u qabel kollox billi tissaħħaħ il-**kooperazzjoni operazzjonali bejn il-partijiet ikkonċernati kollha tul il-katina kriminali** u billi tiżdied il-**kooperazzjoni bejn l-aġenziji u dik multidixxiplinari, b'mod partikolari fil-qafas tal-EMPACT**. F'dan ir-rigward, il-kooperazzjoni mal-gwardji tal-fruntiera, u b'mod aktar ġenerali l-**ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni** huma kruċjali biex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Barra minn hekk, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti hija negozju profittabbli ħafna, b'fatturat annwali li huwa stmat li jammonta għal diversi biljuni ta' euro madwar id-dinja. Għalhekk, l-**investigazzjoni finanzjarja** jeħtieġ li tiġi integrata f'dan ir-rispons komprensiv.

Barra minn hekk, in-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti qed isiru dejjem aktar diġitalizzati. **Jabbużaw mill-ambjent online** u jużaw **komunikazzjoni kriptata** biex jipprovdu servizzi illegali, jorganizzaw il-loġistika tagħhom u jiproteġu l-profitti tagħhom¹³. Għalhekk jeħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji tul ir-rotot migratorji (inkluż f'pajjiżi terzi) biex jindirizzaw il-preżenza online ta' networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u l-użu minnhom tat-teknoloġija moderna għal finijiet ta' komunikazzjoni.

¹¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE tistabbilixxi definizzjoni komuni tar-reat tal-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati u d-Deċiżjoni Qafas 2002/946 li ssaħħaħ il-qafas kriminali għal dawn ir-reati. Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2020/C 323/01), Gwida tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE dwar id-definizzjoni u l-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati, Ottubru 2020

¹² UNODC, Migrant Smuggling A deadly business (UNODC, Il-Faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti - Attività kummerċjali fatali), aċċessibbli fuq: [Migrant Smuggling A deadly business \(unodc.org\)](https://www.unodc.org/en/migrant-smuggling/).

¹³ Europol, Migrant smugglers and human traffickers: more digital and highly adaptable (Faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti u traffikanti tal-bnedmin: aktar diġitali u adattabbli ħafna), aċċessibbli fuq: [Migrant smugglers and human traffickers: more digital and highly adaptable | Europol \(europa.eu\)](https://www.europol.europa.eu/news-room/2020/09/migrant-smugglers-and-human-traffickers-more-digital-and-highly-adaptable).

Il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti qiegħda tirrikjedi dejjem li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jkollhom **aċċess għad-data**, inkluż informazzjoni u evidenza elettronika li jinsabu kemm domestikament kif ukoll barra mill-pajjiż, biex ikunu jistgħu jiddekriftaw dik id-data għal fini ta' appoġġ għall-investigazzjonijiet nazzjonali, fejn meħtieġ, u biex iżommuha għaż-żmien meħtieġ biex titwettaq investigazzjoni u jiġi stabbilit proċess ġust.

Huwa importanti li r-rispons tagħna għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti jindirizza r-rabtiet tagħha ma' oqsma oħra tal-kriminalità b'mod integrat. B'mod partikolari, it-**traffikar tal-bnedmin** huwa marbut regolarment mal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti fl-UE u minnha. Mal-wasla fl-UE, il-migranti irregolari spiss isibu ruħhom soġġetti għal sfruttament sesswali, dak għal finijiet ta' xogħol jew forom oħra ta' sfruttament. Għalhekk, huwa essenzjali li l-UE u l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex **jiproteġu lill-migranti vulnerabbli** u, fl-istess ħin, jiġġieldu t-traffikar tal-bnedmin permezz tal-prevenzjoni, il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u dik ġudizzjarja biex l-awturi tar-reati jitressqu quddiem il-ġustizzja. Barra minn hekk, għandu jsir aktar biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra d-dokumenti frodulenti, peress li l-**frodi tad-dokumenti** spiss isservi bħala faċilitatur ewlieni tal-operazzjonijiet kriminali fil-qasam tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti¹⁴.

4. Massimizzazzjoni tas-sinerġiji mal-azzjoni esterna tal-UE

Il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti teħtieġ kooperazzjoni u koordinazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi sħab ewlenin tul ir-rotot tal-migrazzjoni. F'dawn l-aħħar sar ħafna progress f'dan ir-rigward, inkluż it-tiŝiħ tar-rabtiet mal-**missjonijiet tal-PSDK**, l-istabbiliment tan-network Ewropew tal-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni (**in-network tal-ILO**), u l-miżuri ppreżentati mill-Kummissjoni fil-**Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE tagħha għall-Mediterran Ċentrali, il-Balkani tal-Punent, u l-Mediterran tal-Punent u l-Atlantiku**. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar biex jiġu massimizzati s-sinerġiji mal-azzjoni esterna tal-UE f'pajjiżi u reġjuni terzi prijoritarji. L-ASOPs ser ikunu parti integrali mis-sħubijiet tal-UE dwar il-migrazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu. Huma ser jipprevedu approċċ aktar koordinat u strutturat lejn kooperazzjoni operazzjonali ma' pajjiżi sħab fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

¹⁴ Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti (2022), is-Sitt Rapport Annwali, 2022, aċċessibbli fuq: [EMSC 6th Annual Report.pdf \(europa.eu\)](#).